*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-283/18;

— tiddikjara t-talba għal annullament ammissibbli;

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi dwar it-talba għal annullament; u

— tordna lill-BĊE iħallas l-ispejjeż tal-appellant u l-ispejjeż tal-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti jinvokaw żewġ aggravji insostenn tal-appell tagħhom.

1) Li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kisret l-Artikolu 263 TFUE billi naqset milli tibbaża d-digriet tagħha fuq id-deċiżjoni attwalment adottata mill-BĊE.

2) Li d-digriet appellat huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 18(1) SRMR ([1]).

([1]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1)

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-573/19)**

(2019/C 305/36)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, E. Manhaeve, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) minħabba n-nuqqas ta' osservanza sistematika u kontinwa mal-valuri ta' limitu annwali ta' konċentrazzjoni tan-$NO_2$

— mill-2010 u mingħajr interruzzjoni fiż-żoni IT0118 (agglomerazzjoni ta' Torino), IT0306 (agglomerazzjoni ta' Milano), IT0307 (agglomerazzjoni ta' Bergamo), IT0308 (agglomerazzjoni ta' Brescia), IT0309 (żona A — pjanura b'rata ta' urbanizzazzjoni għolja), IT0906 (agglomerazzjoni ta' Firenze), IT0711 (komun ta' Genova), IT1215 (agglomerazzjoni ta' Ruma),

— mill-2010 sal-2012 u mill-ġdid mill-2014 mingħajr interruzzjoni fiż-żoni IT1912 (agglomerazzjoni ta' Catania) u IT1914 (żoni industrijali),

nuqqas ta' konformità li għadha tippersisti sal-lum, tikkonstata li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha stabbilit permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 u flimkien ma' dawk tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE relatati mal-kwalità tal-arja fl-ambjent u għal arja iktar nadifa fl-Ewropa ([1]);

2) billi ma adottatx miżuri xierqa mill-11 ta' Ġunju 2010 sabiex tiggarantixxi konformità mal-valuri ta' limitu tan-$NO_2$ fiż-żoni indikati fil-punt 1, tikkonstata li r-Repubblika Taljana naqset b'mod sistematiku u kontinwu wkoll mill-obbligi imposti mill-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50, waħdu kif ukoll flimkien mal-punt A tal-Anness XV ta' din id-direttiva, ksur li għadu sal-lum jippersisti;

3) u li l-Qorti tal-Ġustizzja konsegwentement tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

***Permezz tal-ewwel motiv tagħha***, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-data miksuba dwar il-konċentrazzjoni tan-$NO_2$ fl-arja turi l-eżistenza ta' ksur sistematiku u kontinwu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 flimkien ma' dawk tal-Anness XI tad-Direttiva 2008/50. Skont dawn id-dispożizzjonijiet meħudin flimkien, il-livell ta' konċentrazzjoni ta' dawn is-sustanzi ma jistax jaqbeż ċerti limiti ta' konċentrazzjoni annwali. F'xi żoni, dawn il-limiti ġew miksura mingħajr interruzzjoni għal iktar minn għaxar snin.

***Permezz tat-tieni motiv tagħha***, il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva, waħdu kif ukoll flimkien mal-punt A tal-Anness XV tad-Direttiva 2008/50. Fil-fatt, l-ewwel nett, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, adottati wara l-qbiż tal-valuri ta' limitu tal-konċentrazzjoni $NO_2$, ma jippermettu la li jinkisbu dawn il-valuri ta' limitu, u lanqas li jiġi limitat li dawn jintlaħqu għall-iqsar perijodu possibbli. It-tieni nett, ħafna minn dawn il-pjanijiet ma għandhomx l-informazzjoni mitluba fil-punt A tal-Anness XV tad-Direttiva, informazzjoni li l-indikazzjoni tagħha hija obbligatorja skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva.

([1]) Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (GU 2008, L 152, p. 1).